MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 177/2021 LM

**Anthony Azzopardi (K.I. nru. 419957(M)) u Charles Azzopardi (K.I. nru. 205854(M)) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Azzopardi Fisheries'**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Mark Anthony Portelli (K.I. nru. 535880(M))**
*('l-appellant')*

**u wara talba magħmula fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2022, ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjetà Portem Tourism Ventures Limited (C 68829)**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Mark Anthony Portelli (K.I. nru. 419957(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] minn sentenza mogħtija fis-26

ta’ Settembru, 2023, [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti **Anthony Azzopardi (K.I. nru. 419957(M))** u **Charles Azzopardi (K.I. nru. 205854(M)) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ‘Azzopardi Fisheries’** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellati’] fil-konfront tiegħu u fil-konfront tas-soċjetà kjamata fil-kawża **Portem Tourism Ventures Limited (C 68829)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà kjamata fil-kawża’], kif ġej:

> *“Għaldaqstant, wara li sema’ x-xhieda, ra d-dokumenti esebiti, u sema’ l-partijiet jittrattaw, it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi din l-azzjoni billi għar-raġunijiet hawn fuq spjegati:*
>
> *i. Jilqa’ it-talbiet kollha tal-attur u jikkundanna lil Mark Anthony Portelli u lil Portem Tourism Ventures Limited (C68829)* in solidum *sabiex iħallsu l-ammont ta’ erbat elef u tlett mija u ħamsa u għoxrin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,325.47) lill-atturi, flimkien mal-imgħax dekorribbli skont kif indikat fl-Avviż tat-Talba u kalkulabbli b’rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi;*
>
> *ii. Jikkundanna lill-konvenut Mark Anthony Portelli u lil Portem Tourism Ventures Limited (C68829)* in solidum *sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.”*

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-allegat bejgħ u konsenja ta’ prodotti mill-appellati lill-appellant fir-ristorant bin-numru 54/55 fi Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt Valletta, li għalkemm debitament interpellat sabiex iħallas il-prezz tagħhom, baqa’ inadempjenti. Skont l-appellati, l-appellant għandu jwieġeb għat-talba tagħhom għall-ħlas stante li n-negozju sar miegħu, iżda l-appellant qiegħed jikkontendi li huwa kien qiegħed jaġixxi in rappreżentanza tas-soċjetà kjamata fil-kawża.

**Mertu**

3. L-appellati għalhekk istitwew dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fil-21 ta' Ġunju, 2021, fejn filwaqt li ppremettew li l-appellant kien debitur lejhom fis-somma ta' €4,325.47 rappreżentanti l-prezz ta' prodotti għall-konsum li kienu ġew mibjugħa u kkonsenjati lilu, u dan flimkien mal-imgħax dekorribbli mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, issottomettew li għalkemm l-istess appellant kien ġie debitament interpellat diversi drabi għall-ħlas, huwa kien baqa' inadempjenti u b'hekk kellhom jiġu ntavolati l-proċeduri odjerni.

4. L-appellat wieġeb fis-7 ta' Frar, 2022, fejn eċċepixxa li: (a) it-talbiet tal-appellati kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, u ma kien dovut xejn lejhom; (b) l-imsemmija appellati kellhom jippruvaw li s-somma reklamata hija tassew dovuta mingħandu; (ċ) ir-relazzjoni ġuridika li kellhom l-appellati kienet mas-soċjetà Portem Tourism Ventures Limited, li kienet topera r-ristorant f'Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt Valletta; (d) salv eċċezzjonijiet ulterjuri, u bl-ispejjeż kontra l-appellati.

**Is-Sentenza Appellata**

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***
>
> *"Jirriżulta mill-atti, u partikolarment mid-depożizzjoni tal-konvenut in subizzjoni, li huwa qiegħed jinsisti li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-ammont ta' madwar erbat elef u mitejn Ewro (€4,200) mhijiex hu personalment, iżda s-soċjetà msejħa fil-kawża. Meta l-konvenut ġie mistoqsi direttament għaliex il-pagament ma sarx, huwa*

*qal li kien hemm ftehim mal-*accounts department *tal-atturi sabiex isir pagament ta' ħames mitt Ewro (€500) kull xahar iżda f'daqqa waħda nfetħet din il-kawża u nħarġu l-mandati opportuni.*

*Dwar dawn l-allegati pagamenti ta' ħames mitt Ewro (€500) fix-xahar, it-Tribunal ra sewwa d-dokumentazzjoni a* fol. *30 u 31, u osserva li l-uniċi żewġ pagamenti ta' dak it-tip saru f'Awwissu 2020 u f'Ottubru 2020. Altrimenti, mis-26 ta' Jannar 2019 sa Awwissu 2020 saru ftit li xejn pagamenti, u żgur mhux darba kull xahar, u meta saru pagamenti, kienu ta' ferm inqas minn ħames mitt Ewro (€500).*

*Il-konvenut iddikjara bl-aktar mod ċar, f'isem il-kumpanija tiegħu Portem Tourism Ventures Limited, li ma kellu ebda problema li jitħallas l-ammont pretiż mill-atturi.*

*Jirriżulta wkoll mill-atti li meta xehed l-attur Anthony Azzopardi, huwa ppreżenta* customer statement *li jindika li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża kien il-bilanċ indikat* a fol. *31 tal-atti. Sfortunatament, il-*customer statement *la jsemmi lill-konvenut* proprio *u lanqas isemmi lis-soċjetà msejħa fil-kawża, iżda huwa indirizzat lil "De Vilhena – Il Teatro Trattoria Pizzeria". Madankollu, Mark Anthony Portelli kkonferma fid-depożizzjoni tiegħu (a* fol. 46) *li dak ir-restorant kien tiegħu.*

*It-Tribunal josserva li assolutament m'hemmx provi li f'xi punt jew ieħor Mark Anthony Portelli nforma lill-atturi li l-*invoices *kellhom joħorġu f'isem is-soċjetà Portem Tourism Ventures Limited u mhux f'isem ir-restorant jew f'ismu personalment. Għalhekk, u kif il-Qrati Maltin qalu konsistentement fir-rigward tal-kwistjoni dwar min hu leġittimu kontradittur, f'għajnejn is-soċjetà attriċi, in-negozju tagħha kien unikament mal-konvenut. M'hemmx prova li s-soċjetà attrici kienet taf jew setgħet faċilment tkun taf li hija kienet qed tinnegozja u tikkuntratta ma' Portem Tourism Ventures Limited u mhux ma' Mark Anthony Portelli.*

*It-Tribunal josserva ulterjorment li m'hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammont pretiż u għalhekk it-Tribunal m'għandux għalfejn jinoltra ruħu dwar dak il-punt.*

*Finalment, għalhekk, huwa ovvju li t-talbiet tal-atturi jimmeritaw li jkunu milqugħa* in toto."

## **L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru, 2023, fejn qiegħed jitlobha sabiex:

> *"...jogħġobha takkolji dan l-umli appell u tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Tribunal għal Talbiet Żgħar fis-26 ta' Settembru 2023 fit-talba Numru 177/20201 SFJ fl-ismijiet Anthony Azzopardi (419957M); u Charles Azzopardi (205854M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "Azzopardi Fisheries" vs Mark Anthony Portelli, u wara talba magħmula fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2022, ġiet imsejħa fil-kawża s-Soċjetà Portem Tourism Ventures Limited (C68829) billi tiċħad it-talbiet kollha attriċi hekk kif dedotti fl-att promotur, tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut appellant Mark Anthony Portelli, bl-ispejjeż kemm dawk ta' quddiem l-Onorabbli Tribunal għal Talbiet Żgħar u kemm ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, a karigu tal-istess rikorrenti, illum appellati.*
>
> *Daqstant għandu x'jissottometti l-konvenut appellant għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell."*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal m'apprezzax tajjeb il-fatti quddiemu, u ma tax id-debita importanza għall-provi, filwaqt li ma kkunsidrax diversi provi dokumentarji u testimonjarji.

7. L-appellati wieġbu fis-7 ta' Novembru, 2023, fejn issottomettew li l-appellant għandu raġun meta jsostni li l-kundanna għall-ħlas tad-dejn b'mod solidali bejn l-istess appellant u s-soċjetà kjamata fil-kawża hija skorretta, u għandu jirriżulta li huwa waħdu huwa debitur tas-somma reklamata, u dan flimkien mal-imgħax.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellati.

9. Wara li l-appellant jagħmel riferiment għall-provi prodotti mill-partijiet rispettivament, jissottometti li minn dawn il-provi jirriżulta li l-uniku ness bejnu u l-kreditu reklamat, jikkonsisti fid-dikjarazzjoni tal-appellat Anthony Azzopardi magħmula waqt ix-xhieda tiegħu, u li ġiet ribadita u kontradetta minnu. Imbagħad l-unika prova dokumentarja tal-appellati kienet tikkonsisti f'rendikont li kien intestat f'isem De Vilhena, il-Teatro Trattoria Pizzera, fl-indirizz 55/4, Old Theatre Street, Valletta. Jinsisti li għalhekk dan huwa indikazzjoni ta' negliġenza min-naħa tal-appellati li m'aċċertawx ma' min kienu qegħdin jinnegozjaw, iżda madankollu fir-realtà huma kienu jafu tassew li n-negozju kien qiegħed isir mas-soċjetà kjamata fil-kawża, u kien ġie ndikat l-isem u l-indirizz tar-ristorant bl-iskop biss li l-konsenja tal-prodotti issir hemmhekk. Imma minflok l-appellati kienu qegħdin jipproċedu kontrih, anki permezz ta' sekwestru kawtelatorju fuq il-vetturi f'ismu. L-appellant jissottometti li huwa paċifiku li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui nnegat,* u għalhekk kien jonqos li l-appellati juru li d-dejn kien dovut mingħandu personalment, u dan ukoll permezz ta' bilanċ ta' probabilità. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Anvil Limited *vs.* Ta' Giorni Limited et** deċiża fit-12 ta' Ottubru, 2023, jirritjeni li mill-provi ma jirriżulta l-ebda ness bejnu personalment u l-vertenza odjerna, u jagħmel riferiment in sostenn ta' dan għax-xhieda tal-appellat Anthony Azzopardi fis-20 ta' Ġunju, 2023. L-appellant isostni li għalhekk l-appellati naqsu milli jilħqu l-bilanċ ta' preponderanza tal-probabilitajiet, u dan partikolarment meħud in konsiderazzjoni l-fatt li huwa kien ipproduċa prova li turi ma' min tassew sar in-negozju. Huwa jelenka l-provi li skont hu juru li r-relazzjoni ġuridika kienet proprju mas-soċjetà kjamata fil-kawża, u jikkontendi li fid-dawl

tas-segwenti provi, it-Tribunal ma kienx korrett meta stqarr li *'[m]'hemmx prova li s-soċjetà kienet taf jew setgħet faċilment tkun taf li hija qed tinnegozja u tikkuntratta ma' Portem Tourism Ventures Ltd u mhux ma' Mark Anthony Portelli':*

- In-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT indikat mill-appellati kien dak tas-soċjetà kjamata fil-kawża, li hija reġistrata fl-indirizz tar-ristorant;
- Il-kont kien jitħallas b'ċekk tas-soċjetà kjamata fil-kawża;
- Iċ-ċekkijiet kienu qegħdin jitħallsu a saldu ta' dak dovut skont il-vertenza odjerna ġaladarba l-*customer code* kien jaqbel maċ-ċekkijiet u mal-fatturi.

L-appellant jinsisti li t-Tribunal ma kienx korrett ukoll meta kkunsidra li '*assolutament m'hemmx provi li f'xi punt jew ieħor Mark Anthony Portelli nforma lill-atturi li l-*invoices *kellhom joħorġu f'isem is-soċjetà ...u mhux f'isem ir-restaurant jew f'ismu personalment',* għaliex proprju dawn qatt ma kienu ħarġu hekk, u kien jispetta lill-appellati li jassiguraw li l-klijent jiġi ndikat sew. Jgħid li ma kienx hemm mod li huwa seta' jkun jaf li l-appellati kienu jaħsbu li qegħdin jittrattaw miegħu f'ismu personali meta kif spjega fix-xhieda tiegħu, huwa kien għaddielhom in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT tas-soċjetà kjamata fil-kawża, dejjem wera ruħu bħala kumpannija, dejjem ħallas miċ-*cheque book* tal-istess soċjetà kjamata fil-kawża, dejjem ipprovda d-dettalji ta' din tal-aħħar, u qatt ma ġew skambjati dokumenti li jdentifikawh personalment. Jistaqsi kif setgħu l-appellati jgħidu li huma kienu qegħdin jittrattaw miegħu personalment, meta ma kellhomx l-indirizz tiegħu u lanqas in-numru tal-karta

tal-identità tiegħu. L-appellant jissottometti wkoll it-Tribunal ma setax jikkundannah *in solidum* mas-soċjetà kjamata fil-kawża, għaliex is-servizz ingħata lil wieħed minnhom biss, u fl-ebda ħin ma ġie allegat li dan ingħata liż-żewġ kontropartijiet flimkien. Jgħid li kien hemm żmien fejn il-*purchasing* kien qiegħed jieħu ħsiebu l-*manager* Ron Said fost nies oħra, u b'hekk jistaqsi jekk dan ukoll kellux jiġi kkundannat responsabbli *in solidum.* L-appellant jissottometti li l-Qorti għandha tiddeċiedi fuq preponderanza tal-probabilitajiet, u fil-każ odjern it-Tribunal kellu jiddeċiedi liema miż-żewġ verżjonijiet kienet l-aktar waħda verosimili.

L-appellati jiddikjaraw li hija skorretta l-kundanna għall-ħlas tal-ammont pretiż fil-konfront tal-appellant, u tas-soċjetà kjamata fil-kawża, u huma jaqblu mal-argumenti miġjuba f'dan ir-rigward mill-appellant. Jissottomettu li huma qatt ma talbu għall-kundanna solidali ta' dak li kien dovut lilhom, iżda min-naħa l-oħra għandu jirriżulta li huwa l-appellant waħdu li huwa debitur tas-somma ta' €4,325.47, flimkien mal-imgħax. Jirrilevaw li għalkemm l-appellant jikkontendi li hija s-soċjetà kjamata fil-kawża li hija debitriċi tagħhom, sallum ma kien ġie saldat l-ebda ammont, għaliex filfatt din ma kienitx topera, u m'għandhiex assi sabiex tħallas dak dovut. Id-dikjarazzjoni tal-appellant kienet ġiet ikkontradetta mill-appellat Anthony Azzopardi fix-xhieda tiegħu, fejn dan irrileva li huwa kien dejjem ikkuntratta mal-appellant personalment, u saħansitra fejn kien hemm somma oħra ta' €10,000 dovuta mingħandu, kienet saret tpaċija permezz tat-trasferiment ta' garaxx. Illum jgħidu li r-ristorant ilu magħluq minn Lulju 2021. Jirrilevaw li l-appellat Anthony Azzopardi fix-xhieda tiegħu kien sostna li meta huwa nnegozja mal-appellant jew mal-*manager* tiegħu Ron Said, ħadd ma kien

avżah li t-tranżazzjonijiet kienu qegħdin isiru mas-soċjetà kjamata fil-kawża. L-appellati jsostnu li jekk tassew l-appellant xtaq li l-kont jitħallas, huwa ma kienx jargumenta dwar min għandu jagħmel il-ħlas, iżda huwa ċar li l-intenzjoni tiegħu hija li jevita l-ħlas. Filwaqt li jiċċitaw il-ġurisprudenza in sostenn tal-argument tagħhom dwar ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, jissottomettu li min hawnhekk joħroġ ċar li meta persuna tikkuntratta ma' oħra, tal-ewwel għandha turi b'mod inekwivoku f'liema vesti hija tkun qiegħda tikkuntratta.

10. Il-Qorti tikkunsidra li tassew it-Tribunal ma kienx korrett meta sab li l-appellant u s-soċjetà kjamata fil-kawża huma responsabbli *in solidum* għall-ħlas reklamat mill-appellati, u dan għaliex fil-fehma tagħha ma jirriżultax mill-provi li l-appellant huwa debitur tal-appellati kemm b'mod solidali, u kemm waħdu fil-vesti tiegħu personali. Tibda billi tirrileva li ġaladarba t-Tribunal kien rinfaċċjat b'ammissjoni mingħand l-appellant f'isem is-soċjetà kjamata fil-kawża li din kienet debitriċi tal-appellati[1], kien jispetta li jfittex sabiex isib jekk l-appellant kienx marbut *in solidum* mal-imsemmija soċjetà kjamata fil-kawża sabiex iħallas id-dejn in kwistjoni.

11. Filfatt it-Tribunal beda billi korrettement osserva li l-*customer statement* li ppreżentaw l-appellati ma kienx jindika l-isem tas-soċjetà kjamata fil-kawża, iżda lanqas l-isem tal-appellant, u huwa sempliċiment intestat 'De Vilhena – Il Teatro Trattoria Pizzeria'. It-Tribunal irrileva li l-appellant kien ikkonferma li dan ir-ristorant kien tiegħu, iżda rrileva wkoll li fl-ebda ħin huwa ma kien informa lill-appellati li l-fatturi kellhom jinħarġu fuq is-soċjetà kjamata fil-kawża. It-Tribunal qal ukoll li ma kienx hemm prova li l-appellati kienu jafu, jew setgħu

[1] Xhieda seduta 20.06.23 *a fol.* 87, *'[t]here is no doubt li l-kumpannija għandha tagħti lil Azzopardi Fisheries'*.

faċilment ikunu jafu, li kienu qegħdin jinnegozjaw u jikkuntrattaw mas-soċjetà kjamata fil-kawża, u mhux mal-appellant.

12. Il-Qorti tgħid li kif sewwa osserva t-Tribunal, ir-rendikont esebit mill-appellat Anthony Azzopardi[2], juri biss isem ir-ristorant taħt 'Customer Details', u xejn iżjed. L-istess xhud fix-xhieda tiegħu ddikjara li huwa dejjem kien innegozja mal-appellant, u dan fejn lilu kien qallu li *"...l-hotels huma tiegħu..."*.[3] Min-naħa tiegħu, l-appellant xehed waqt l-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2023[4] li *"jien kemm mas-Sur Azzopardi u kemm ma' kull business ieħor dejjem ippreżentajt ruħi bħala kumpannija Portem Tourism Ventures, u l-business kollu li sar ma' dik il-kumpannija ovvjament peress li jiena direttur u ġie li kelli r-*representative *tagħha kelli nidher jiena għaliha".* Xehed ukoll waqt l-udjenza tal-25 ta' April, 2023[5] li *"[k]ont nixtri l-ħut għal żewġ stabbilimenti Il Teatro Restaurant il-Belt Valletta fifty-five Old Theatre Street, u seventy-two Larry's Strait Street Valletta, żewġ kumpanniji differenti"*, u li *"[j]ien nikkonferma li għandi nħallsu minn soċjetà Fort Tourism Ventures il-figura jew ammont circa erbat elef mitejn u xi ħaġa".* Kompla jgħid li l-ħlas dejjem minn din is-soċjetà sar u kien permezz tagħha li sar xi ftehim u n-negozju. Huwa xehed ukoll li *"[f]il-bidu tas-sena elfejn u sbatax jiena kont iffirmajt* credit form *li kienet tillimita l-kumpanija tiegħi biex ma taqbiżx bilanċ jew* credit balance *ta' minghalija ħames mija, jiġifieri d-dettalji li jiena kont nagħmel in-negozju ma' Azzopardi Fisheries kienu miktubin hemmhekk".* Iżda din kopja waħda kien hemm tagħha u *"...jekk minix sejjer żball kien żammha Mario li jiġi ħu Anthony Azzopardi li kien speċi l-*

[2] 'Doc AA1' *a fol.* 30.
[3] Seduta 23.03.2022 *a fol.* 27.
[4] *A fol.* 80.
[5] *A fol.* 46.

contact *tagħna mas-soċjetà."* Dan ma ġiex kontradett jew ikkontestat min-naħa tal-appellati.

13. Minn dan kollu jirriżulta li t-Tribunal sab quddiemu żewġ verżjonijiet konfliġġenti, fejn għalhekk huwa kien tenut jindaga aktar fil-fond, din id-darba permezz tal-prova dokumentarja, sabiex jistabbilixxi jekk tassew l-appellant kienx ippreżenta ruħu fil-vesti tiegħu personali mal-appellati, jew kienx qiegħed jaġixxi in rappreżentanza tas-soċjetà kjamata fil-kawża, kif jikkontendi. Waqt l-istess depożizzjoni l-appellant *ikkonferma* li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT indikat fuq il-fattura tal-appellati[6], kien tas-soċjetà kjamata fil-kawża. Imbagħad permezz ta' nota ppreżentata fl-24 ta' Mejju, 2023[7], l-appellant esebixxa kopja ta' erba' ċekkijiet li nħarġu lil Azzopardi Fisheries minn fuq żewġ kontijiet bankarji intestati f'isem is-soċjetà kjamata fil-kawża, fejn saħansitra tlieta minnhom maħruġa minn fuq l-istess kont bankarju, saru mill-kont intestat 'A/C RESTAURANT'.

14. Il-Qorti hija tal-fehma li fl-eventwalità li l-appellant ma kienx għamilha ċara biżżejjed fil-bidunett li huwa kien qiegħed jidher għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kjamata fil-kawża, u mhux fil-vesti personali tiegħu, iċ-ċekkijiet tal-ħlas tad-dejn dovut lill-appellati kienu indikattivi ferm dwar min kien id-debitur tagħhom. Tikkunsidra li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT ma jistax jagħti indikazzjoni ċara dwar jekk id-debitur huwa persuna fiżika jew ġuridika, u għalhekk ma jistax jiswa bħala prova fi kwistjoni bħal din. Jekk imbagħad l-appellati kellhom xi dubju ulterjuri, kien jispetta lilhom li

[6] 'Dok AB/5' *a fol.* 71.
[7] *A fol.* 56.

jikkonfermaw il-pożizzjoni tagħhom mal-appellant, iżda ċertament ma jistgħux wara li d-debitur iddekada mill-obbligu tiegħu tal-ħlas, jipproċedu legalment skont kif jaqblilhom.

15. Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti filwaqt li tilqa' l-appell tal-appellant, tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellant, tilqa' t-talbiet tal-appellati limitatament fil-konfront tas-soċjetà kjamata fil-kawża waħedha, u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn it-Tribunal iddikjara li kien qiegħed jilqa' t-talbiet tal-appellati anki fil-konfront tal-appellant, u kkundannatu sabiex iħallas is-somma pretiża mill-appellati flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax skont il-liġi *in solidum* mas-soċjetà kjamata fil-kawża.**

**L-ispejjeż tal-appellant tal-proċeduri odjerni u ta' dawk quddiem it-Tribunal, għandhom jitħallsu mill-appellati, filwaqt li l-kumplament tal-imsemmija spejjeż għandhom jitħallsu mis-soċjetà kjamata fil-kawża.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**